PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10116 — ION/NN/bpfBOUW/IRP JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 36/11)

1. Fil-25 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— ION Real Estate Services NV ("ION", il-Belġju), ikkontrollata minn ION Holding BV (il-Belġju);

— REI Investment Belgium I BV ("NN", in-Netherlands), li tappartjeni għall-NN Group NV (in-Netherlands);

— Stichting Bedrijfstakpensioenfonds voor de Bouwnijverheid ("bpfBOUW", in-Netherlands); kif ukoll

— ION Residential Platform NV ("IRP JV", il-Belġju).

ION, NN u bpfBOUW jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-IRP JV.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża konġunta (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— ION: żviluppatur tal-proprjetà immobbli residenzjali (fosthom appartamenti u djar, djar għall-istudenti u anzjani) u żviluppatur tal-proprjetà immobbli kummerċjali (fosthom proġetti urbani mħallta, bini tal-uffiċċji u spazju għall-ħwienet) fil-Belġju;

— NN: tipprovdi prodotti tal-pensjoni u tal-assikurazzjoni, kif ukoll il-ġestjoni tal-assi u s-servizzi bankarji;

— bfpBOUW: fond tal-pensjoni Olandiż stabbilit minn organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u impjegati fis-settur tal-kostruzzjoni;

— IRP JV: fond speċjalizzat ta' investiment fi proprjetà immobbli mmirat biex jibni portafoll sostenibbli ta' proprjetà immobbli residenzjali fit-tul (strateġija ta' "xiri u żamma") f'żoni urbani magħżula fil-Belġju.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10116 — ION/NN/bpfBOUW/IRP JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË